**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 21 ta' Novembru 2024**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1152/2024 JVC**

**ZC Installations Limited (C30750)**

**vs**

**Global Safety Malta Limited (C75815); u**

**Royston Earl Vella (K.I. Nru. 0521670M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' ZC Installations Limited prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

'Franco Zammit (K.I. nru. 0203057(M)), għan-nom u kif debitament awtorizzat minn ZC Installations Limited (C30750), jiddikjara bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma ILLI:

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Is-soċjetà rikorrenti topera, *inter alia,* fis-suq tal-finitura ta' proprjetà immobbli, senjatament finituri mekkaniċi u elettriċi.

2. Is-soċjetà intimata Global Safety Malta Limited, ta' liema l-intimat Royston Earl Vella huwa l-uniku azzjonist, tiġġestixxi negozju ta' fornitura ta' bibien, *inter alia* fire doors.

3. Is-soċjetà rikorrenti ingaġġat lill-intimati sabiex ifornuha b'*fire doors* u kif ukoll sabiex jinstallaw dawn l-istess *fire doors* ġewwa l-iskola primarja tal-Imsida, Malta.

4. Għal dan il-għan, ġew mgħodija s-segwenti pagamenti fl-ammont komplessiv ta' sitta u disgħin elf u disgħa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (EUR96,039.32):

- Is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (EUR25,000) bir-riferenza tat-transazzjoni 135183808 (Dok. A);
- Is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (EUR25,000) bir-riferenza tat-transazzjoni 13521542 (Dok. B);
- Is-somma ulterjuri ta' elfejn mija tnejn u tletin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (EUR2,132.81) bir-riferenza tat-transazzjoni 135243083 (Dok. C);
- Is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (EUR25,000) bir-riferenza tat-transazzjoni 138346666 (Dok. D); u
- Is-somma ta' tmintax-il elf disa mija u sitt Euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (EUR18,906.51) bir-riferenza tat-transazzioni 138377231 (Dok. E).

5. Minkejja illi s-soċjetà rikorrenti affettwat il-pagamenti kollha meħtieġa hekk kif mitluba mill-intimati, l-istess intimati naqsu milli jipprovdu u jinstallaw il-bibien kif ordnati u mħallsa mir-rikorrenti, minkejja d-diversi interpellazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti.

6. Għaldaqstant, l-intimati Global Safety Malta Limited u Royston Earl Vella huma d-debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' sitta u disgħin elf u disgħa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (EUR96,039.32).

7. L-intimati ġew interpellati permezz ta' att ġudizzarju *ossia* itrra uffiċjali datata 9 ta' Awwissu 2024 u liema ġġib ir-riferenza 3676/2024 (Dok. F), iżda l-istess intimati xorta waħda baqgħu inadempjenti.

8. Dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut; l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti u għaldaqstant il-kawża tista' tiġi deċiza *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kaptiolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Franco Zammit (K.I. nru. 0203057(M)), għan-nom ta' ZC Installations Limited (C30750) jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raġuni għat-Talba

1. Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

Talbiet

Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Taqta′ u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta′ Malta.

2. Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta′ sitta u disgħin elf u disgħa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (EUR96,039.32), u dan flimkien mal-imghax dekoribbli bir-rata ta′ tmienja fil-mija (8%).

Bl-imgħax kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja datata 8 ta′ Awwissu 2024 u tal-mandat ta′ sekwestru intavolat kontestwalment ma′ dan ir-rikors, kontra l-intimati illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.′

Rat illi llum stess l-intimati prezentaw nota li permezz taghha ammettew illi huma debituri tar-rikorrenti u ghaldaqstant ammettew it-talbiet dedotti kontra taghhom fir-rikors promotur.

Illi in vista tal-ammissjoni tal-intimati, jirrizulta illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati.

Il-Qorti rat ukoll illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija sopportata bid-dokumentazzjoni li hija annessa mar-rikors guramentat.

Rat ukoll l-ittra ufficjali interpellatorja a fol. 11 tal-process.

Rat ukoll l-affidavit ta' Francesco Zammit a fol. 12 tal-process.

Illi minn dak kollu suespost jirrizulta lil din il-Qorti li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' it-tieni talba kif dedotta.

Bl-imghax skont il-ligi mid-data tad-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kif mitluba.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**21 ta' Novembru 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru 2024**